MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
JOSEPH CASSAR**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2005

Rikors Numru. 29/2002

**Kummissarju ta' l-Art
Vs
Carmela u Crispin Attard u
Mary u Carmelo Muscat.**

Il-Bord,

1. Ra r-rikors,

F'liema rikors il-Kummissarju ta' l-Artijiet bir-rispett espona illi l-intimati gew notifikati b'Avviza ghall-ftehim datat 24 ta' Lulju, 2002, fejn gew infurmati li l-kumpens li l-awtorita' kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala franka u libera ta' bicca art f'Haz-Zabbar, tal-kejl ta' madwar 173 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma triq pubblika, mill-Punnent u mil-Lvant ma' proprjeta ta' Carmela Attard u ohrajn, jew irjieh verjuri huwa ta' mitejn u hamsa u ghoxrin lira Maltija (LM 225), kif jidher mir-rapport tal-Perit Fred Valentino A&CE tas-07 ta' Mejju

2001, li kopja tieghu DOK A hija anness ma l-istess Avviz ghall-ftehim.

Illi b'ittra ufficcjali tad-09 t'Aawwissu 2002 l-intimati fost affarijiet ohra jiddikjaraw li ma jaccettawx il-kumpens offert u jitolbu li dan il-kumpens ghandu jkun ta' erbat elef u hames mitt lira Maltija (LM4,500).

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimati biex jittrasferixxu favur ir-rikorrent b'titolu ta' xiri assolut bhala franka u libera l-art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun jagixxi minfloku biex jippubblika l-att relattiv f'dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabbilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' l-Arijiet ghal-Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88).

Ra r-risposta,

F'liema risposta l-intimati eccepixxew bir-rispett illi fir-realta, l-estensjoni ta' l-art li giet espropjita mill-Gvern hija akbar u tiswa aktar minn kif indikat fl-'avviz ghall-ftehim'.

Illi, tenut kont ta' l-estensjoni vera ta' l-art esprorijata u l-valur reali ta' kull metru kwadru mill-istess art, fiz-zmien prezenti , kalkolat kif tiddisponi l-ligi partikolari fir-rigward, il-kumpens lilha attribwit skond ir-rapport tal-Perit Valentino, anness ma l-avviz ghall-ftehim, ma jirriflettix il-valur reali ta' l-art.

Illi l-kumpens l-kumpens xieraq ghall-art espproprijata ghandu jkun dak indikat mill-esponenti fl-ittra ufficcjali taghhom.

B'rizerva ghall-imghaxijiet.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

Ra d-digriet tal-15 ta' ta' Novembru 2002 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Mizzi u l-AIC David Pace.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti fejn gie dikjarat illi l-qasam ghandu jigi stmat bhala proprjeta' fabbrikabbli ghall-ewwel wiehed u erbghin metru kwadru (41 metru kwadru) u bhala agrikolu ghal-bqija ta' mija tnejn u tletin metru kwadru (132 m.k.), u li l-kumpens misthoqq hu ta' erbat elef u hames mitt lira Maltija (LM 4,500), liema relazzjoni ghanda taghmel parti shiha minn din is-sentenza.

Jilqa' it-talbiet tar-rikorrent u jordna lill-intimati jghaddulu b'titolu ta' xiri assolut bhala libera u franka bicca art f'Haz-Zabbar skond il-pjanta annessa ma 'l-Avviz ghall-Ftehim' tal-kejl ta' madwar 173 metri kwadri, li tmiss mit-Tramuntana ma triq pubblika, mill-Punent u mill-Lvant ma' proprjeta ta' Carmela Attard u ohrajn jew irjieh verjuri li 41 metri kwadri minnha huma fabbrikabbli u l-bqija 132 metri kwadri huma agrikoli bil-kumpensa ta' LM4,500, jahtar lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta' l-Art jew lin-Nutar li jkun qed jaghmilha floku biex jippubblika l-att oppurtun fis-06 t'April 2005 fl-10.00hrs fl-Ufficcju tar-rikorrent, jahtar lid-Dottoressa Charmaine Zammit biex tidher fuq l-att ghall-kontumaci. Ra l-artikolu 31 tal-Kapitolu 88 kif emendat u jordna li l-ispejjez tal-procedura u tal-pubblikazzjoni ta' l-att jithallsu mir-rikorrent.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------